MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 336/2003

**Christals Services Limited**

**Vs**

**Adavichira Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u hamsa u erbghin Liri Maltin u zewg centezmi (Lm1,645.02) import ta' sitt (6) kambjali migbuda mis-socjeta' mittenti fuq is-socjeta' konvenuta u li mmaturaw mill-1 ta' Lulju 2002 u sal-1 ta' Dicembru 2002 kif ahjar jirrizulta mill-kopji ta' l-istess kambjali li gew esebiti u markati Dok A sa Dok F.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-24 ta' April, 2003 u bl-imghax ulterjuri mi-data ta' l-iskadenza ta'

kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi kopji, sitt kambjalijiet li huma annessi a fol 2 sa fol 7 tal-atti u mmarkati Dok A sa Dok F.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fit-12 ta' Mejju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm1645.02,0 bl-imghax legali ulterjuri mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala, kif esebiti ‘in atti’ sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra interpellatorja tal-24 ta’ April 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------